MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-13 ta' Frar, 2003

Numru. 1017/2002

Il-Pulizija
(Spettur Mario Tonna)
vs
Anita Azzopardi

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputata fuq imsemmija Anita Azzopardi, detentrici tal-karta tal-idenita bin-numru 550279(M), li permezz tagghhom hija giet akkuzata talli talli nhar l-1 ta’ Dicembru 2002 ghall-habta ta’ 3.00a.m. gewwa Triq San Gorg Paceville u cioe’ waqt li kienet gewwa l-istabiliment bl-isem ‘Bar Funk’ :

1. Ikkomettiet serq ta’ apparat telefoniku u cioe’ (2) zewgt telefons cellulari tal-marka Nokia, handbag u oggetti ohra ghad-dannu ta’ Charlene Cutajar miz-Zurrieq u Marsim Cassar mis-Siggiewi, liema serq huwa aggravat bil-hin u bil-valur u dan ai termini tal-Artikoli 261, 267, 270 u 279 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputata fuq imsemmija twiegeb illi ma kellhiex oggezzjoni illi l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lill-imputata debitament assistita volontarjament tirregistra ammissjoni ghall-imputazzjoni migjuba kontra taghha u dan waqt is-seduta tas-7 ta' Frar 2003 meta kienu qeghdin isirulha l-mistoqsijiet skond l-Artikoli 390(4), 390(1) u 392 tal-Kodici Kriminali;

Taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja tal-imputata ghall-imputazzjoni migjuba kontra taghha issibha hatja ta' din l-imputazzjoni u dana wara li l-Qorti rat l-Artikoli 261 (c), 261 (f), 267, 270, 279, 280, 31 u 20 tal-Kap. 9;

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena l-fatt illi l-imputata irregistrat ammissjoni mal-ewwel seduta illi inzammet fil-Qorti, l-fatt illi ghandha fedina penali netta, kif ukoll il-fatt illi hija ikkoperat ferm mal-Prosekuzzjoni matul l-investigazzjoni. Effettivament ir-refurtiva giet kollha ritornata lid-derubat f'inqas minn 24 siegha mill-hin meta gie kommess ir-reat. Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija l-Qorti certament ma tqisx illi piena karcerarja tkun idoneja ghall-akkadut u tara li jkun ferm aktar ta' beneficcju kemm ghall-imputata, kif ukoll ghas-socjeta' in generali jekk din l-imputata tinghata opportunita ohra sabiex tirriforma hajjitha u taqbad it-triq it-tajba. Ghalhekk wara li l-Qorti rat l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 filwaqt illi tilliberaha taghmel dan bil-kundizzjoni illi hija ma taghmilx reat iehor fi zmien tmintax il-xahar mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hatja bir-responsabbilta taghha skond il-ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni taht kundizzjoni.

--------------------------------TMIEM--------------------------------